31990L0496

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL
ta' l-24 ta' Settembru 1990
dwar l-ittikkettar tan-nutrizzjoni għall-oġġetti ta' l-ikel

(90/496/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi il-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 100a tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni [1],

B'kooperazzjoni mal-Parlament Ewropew [2],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali [3]

Billi huwa importanti li jiġu adottati miżuri bl-iskop li jiġi stabbilit progressivament is-suq intern sal-31 ta' Diċembru 1992; billi s-suq intern għandu jikkomprendi żona mingħajr fruntieri interni li fiha l-moviment liberu ta' merkanzija, persuni, servizzi u kapital jiġi żgurat;

Billi hemm interss pubbliku li dejjem jikber fir-relazzjoni bejn id-dieta u s-saħħa u fl-għażla ta' dieta xierqa adatta għall-ħtiġiet individwali;

Billi l-Kunsill u r-Rappreżentanti tal-Gvernijiet ta' l-Istati Membri mlaqqgħin fi ħdan il-Kunsill, fir-riżoluzzjoni tagħhom tas-7 ta' Lulju 1986 dwar il-programm Ewropew kontra l-kanċer, ikkunsidraw li t-titjib fin-nutrizzjoni għandu jkun prijorità;

Billi t-tagħlim tal-prinċipji bażiċi tan-nutrizzjoni u l-ittikkettar approprjat tan-nutrizzjoni għall-oġġetti ta' l-ikel għandu jikkontribwixxi b'mod sinifikanti biex jippermetti lill-konsumatur li jagħmel l-għażla tiegħu;

Billi d-dispożizzjoni ta' l-ittikkettar tan-nutrizzjoni għandu jgħin fl-azzjoni fil-qasam ta' l-edukazzjoni dwar in-nutrizzjoni lill-pubbliku;

Billi, għall-benefiċċju tal-konsumatur min-naħa l-waħda, u biex tiġi evitata l-possibbiltà ta' ostakoli tekniċi fil-kummerċ min-naħa l-oħra, l-ittikkettar tan-nutrizzjoni għandu jiġi preżentat f'forma standardizzata applikabbli mal-Komunità kollha;

Billi oġġetti ta' l-ikel li jġorru tikkettar tan-nutrizzjoni għandhom jikkonformaw mar-regoli stabbiliti f'din id-Direttiva;

Billi kull forma oħra ta' tikkettar tan-nutrizzjoni għandha tkun ipprojbita iżda oġġetti ta' l-ikel li ma jġorru ebda tikketta tan-nutrizzjoni għandhom ikunu jistgħu jiċċirkolaw b'mod ħieles;

Billi, biex jappella għall-konsumatur medju u biex jilħaq l-iskop li għalih kien introdott, u minħabba l-livell baxx preżenti tat-tagħrif dwar is-suġġett tan-nutrizzjoni, l-informazzjoni provduta għandha tkun sempliċi u li tiftiehem b'mod faċli;

Billi l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva għal ċertu tul ta' żmien tippermetti li tinkiseb esperjenza ta' valur dwar is-suġġett u li tiġi valutata r-reazzjoni tal-konsumatur għall-mod li bih it-tagħrif dwar in-nutrizzjoni jiġi preżentat u b'hekk tippermetti lill-Kummissjoni li tirrevedi r-regoli u tipproponi emendi approprjati;

Billi biex jiġu mħajra l-partijiet interessati, speċjalment impriżi żgħar u ta' daqs medju, biex jipprovdu tikkettar tan-nutrizzjoni fuq prodotti kemm jista' jkun, miżuri biex jagħmlu dak it-tagħrif aktar komplet u aktar ibbilanċjat għandhom jiġu ntrodotti gradwalment;

Billi r-regoli provduti f'din id-Direttiva għandhom ukoll iqisu l-linji gwida tal-*Codex Altimentarius* dwar l-ittikkettar tan-nutrizzjoni;

Billi dispożizzjonijiet u definizzjonijiet ġenerali għall-ittikkettar jinsabu fid-Direttiva tal-Kunsill 79/112/KEE tat-18 ta' Diċembru 1978 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar l-ittikkettar, il-preżentazzjoni u r-reklamar ta' oġġetti ta' l-ikel għall-bejgħ lill-konsumatur finali [4], kif l-aħħar emendata bid-Direttiva 89/395/KEE [5]; billi din id-Direttiva għandha għalhekk tiġi limitata għal dawk id-dispożizzjonijiet li jirreferu għat-tikkettar tan-nutrizzjoni,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

1. Din id-Direttiva tikkonċerna t-tikkettar tan-nutrizzjoni ta' l-oġġetti ta' l-ikel li għandhom ikunu ikkunsenjati bħala tali lill-konsumatur finali. Għandha wkoll tappika għall-oġġetti ta' l-ikel maħsuba biex ukunu fornuti lil ristoranti, sptarijiet, *canteens* u stabbilimenti simili ta' *caterers* bil-kwantità (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa '*caterers* bil-kwantità).

---

[1] ĠU Ċ 282, 5.11.1988, p. 8 u ĠU Ċ 296, 24.11.1989, p.3.
[2] ĠU Ċ 158, 26.6.1989, p. 250 u ĠU Ċ 175, 16.7.1990, p. 76
[3] ĠU Ċ 159, 26.6.1989, p. 41.
[4] ĠU L 33, 8.2.1979, p. 1.
[5] ĠU L 186, 30.6.1989, p. 17.

2. Din id-Direttiva ma għandhiex tapplika għal:

— ilma minerali naturali jew ilma ieħor maħsub għall-konsum tal-bniedem,

— integraturi tad-dieta/supplimenti ta' l-ikel.

3. Din id-Direttiva għandha tapplika mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' tikkettar tad-Direttiva tal-Kunsill 89/398/KEE tat-3 ta' Mejju 1989 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar oġġetti ta' l-ikel maħsuba għall-użi partikolari ta' nutrizzjoni [1] u d-Direttivi speċifiċi li għalihom jirreferi l-Artikolu 4 ta' dik id-Direttiva.

4. Għall-iskopijiet ta' din il-Direttiva:

(a) "tikkettar tan-nutrizzjoni" tfisser kull tagħrif li jidher fuq it-tikketta u li għandu x'jaqsam ma':

(i) valur ta' enerġija;

(ii) in-nutrijenti li ġejjin:

— proteina,

— karboidrat,

— xaħam,

— fibra,

— sodju,

— vitamini u minerali elenkati fl-Anness u preżenti f'ammonti sinifikanti kif definit f'dak l-Anness.

Bidliet fil-lista ta' vitamini, minerali u l-kwantità rakkomandata tagħhom ta' kull jum għandhom ikunu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 10;

(b) "allegazzjoni tan-nutrizzjoni" tfisser kull rappreżentazzjoni jew messaġġ ta' reklamar li jiddikjara, jissuġġerixxi jew jimplika li oġġett ta' l-ikel għandu karatteristiċi partikolari ta' nutrizzjoni minħabba l-enerġija (valur kalorifiku) li

— jipprovdi,

— jipprovdi b'rata mnaqqsa jew miżjuda jew

— ma jipprovdix,

u/jew minħabba n-nutrijenti li

— fih,

— ikollu fi proporzjonijiet imnaqqsa jew miżjuda jew

— ma jkollux

Referenza għall-kwalitajiet jew kwantitajiet ta' nutrijent ma tikkostitwixxix allegazzjoni tan-nutrizzjoni sa fejn hi meħtieġa b'leġislazzjoni.

Skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 10, jista' jiġi deċiż li f'ċerti każi fejn il-kondizzjonijiet deskritti f'dan il-punt jiġu sodisfatti;

(ċ) "proteina" tfisser il-kontenut ta' proteina kalkolat bl-użu tal-formula: protein = total Kjeldahl nitrogen × 6,25;

(d) "karboidrat" tfisser kull karboidrat li huwa metabolizzat fil-bniedem, u jinkludi *polyols*;

(e) "zokkor" tfisser il-*monosaccharides* u *disaccharides* kollha preżenti fl-ikel, iżda jeskludi *polyols*;

(f) "xaħam" tfisser *lipids* totali, u tinkludi *phospholipids*;

(g) "saturati" tfisser aċidi tax-xaħam mingħajr rabta doppja;

(h) "*mono-unsaturates*" tfisser aċidi tax-xaħam b'rabta doppja *cis* waħda;

(i) "*polyunsaturates*" tfisser aċidi tax-xaħam b'rabta doppja interrota *cis* jew *cis-methylene*;

(j) "fibra" tfisser il-materjal li għandu jiġi definit skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 10 u mkejjel bil-metodu ta' analiżi li għandu jiġi stabbilit skond dik il-proċedura;

(k) "valur medju" tfisser il-valur li jirrappreżenta l-aħjar l-ammont ta' nutrijent li ikel partikolari jkun fih, u jirrifletti l-parametri għall-varjabbilità staġjonali, xejra ta' konsum u fatturi oħra li jistgħu jikkawżaw li l-valur attwali jvarja.

Artikolu 2

1. Bla ħsara għall-paragrafu 2 it-tikkettar tan-nutrizzjoni m'għandux ikun obbligatorju.

2. Fejn allegazzjoni tan-nutrizzjoni tidher fuq it-tikketta, fil-preżentazzjoni jew fir-reklamar, bl-esklużżjoni ta' reklamar ġeneriku, l-ittikkettar tan-nutrizzjoni għandu jkun obbligatorju.

Artikolu 3

L-uniċi allegazzjonijiet tan-nutrizzjoni permessi għandhom ikunu dawk li jirrelataw ma' l-enerġija, man-nutrijenti elenkati fl-Artikolu 1(4)(a) (ii) u mas-sustanzi li jagħmlu sehem minn jew li huma komponenti ta' kategorija ta' dawk in-nutrijenti. Dispożizzjonijiet li jirrestringu jew jipprojbixxu allegazzjonijiet tan-nutrizzjoni skond it-tifsira ta' dan l-Artikolu jistgħu jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 10.

Artikolu 4

1. Fejn l-ittikkettjar tan-nutrizzjoni jiġi provdut, it-tagħrif li għandu jingħata għandu jkun jikkonsisti jew fi grupp 1 jew fi grupp 2 fl-ordni li ġej:

Grupp 1

(a) valur ta' enerġija;

(b) l-ammonti ta' proteina, karboidrati u xaħam.

Grupp 2

(a) valur ta' enerġija;

(b) l-ammonti ta' proteina, karboidrati, zokkor, xaħam, saturati, fibra u sodju.

2. Fejn allegazzjoni tan-nutrizzjoni issir għal zokkor, saturati, fibra jew sodju, it-tagħrif li għandu jingħata għandu jikkonsisti fil-grupp 2.

[1] ĠU L 186, 30.6.1989, p. 27

3. L-ittikkettar tan-nutrizzjoni jista' wkoll jinkludi l-ammonti ta' wieħed jew aktar minn dan li ġej:

— lamtu,

— polyols,

— mono-unsaturates,

— polyunsaturates,

— kolesterol,

— kull waħda mill-vitamini jew minerali elenkati fl-Anness u preżenti f'ammonti sinifikanti kif definit f'dak l-Anness.

4. Id-dikjarazzjoni tas-sustanzi li jagħmlu sehem minn jew huma komponenti ta' waħda mill-kategoriji ta' nutrijenti msemmija fil-paragrafi 1 u 3 għandha tkun obbligatorja fejn issir allegazzjoni tan- nutrizzjoni.

Barra minn hekk, fejn l-ammont ta' *polyunsaturates* u/jew *mono-unsaturates* u/jew rata ta' kolesterol tingħata, l-ammont ta' saturati għandu jingħata wkoll, bid-dikjarazzjoni ta' dan ta' l-aħħar ma tikkostitwixxix - f'dan il-każ - allegazzjoni tan-nutrizzjoni skond it-tifsira tal-paragrafu 2.

Artikolu 5

1. Il-valur ta' enerġija li għandu jiġi dikjarat għandu jkun kalkolat bl-użu tal-fatturi ta' konverżjoni li ġejjin:

— karboidrati (ħlief *polyols*)	4 kcal/g - 17kJ/g
— *polyols*	2,4 kcal/g - 10kJ/g
— proteina	4 kcal/g - 17kJ/g
— xaħam	9 kcal/g - 37kJ/g
— alkoħol (*ethanol*)	7 kcal/g - 29kJ/g
— aċidu organiku	3 kcal/g - 13kJ/g

2. Dispożizzjonijiet dwar il-punti li ġejjin għandhom ikunu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 10:

— emendi għall-fatturi ta' konverżjoni msemmija fil-paragrafu 1,

— iż-żieda mal-lista fil-paragrafu 1 ta' sustanzi li jagħmlu sehem minn jew huma komponenti ta' waħda mill-kategoriji ta' nutrijenti msemmija f'dak il-paragrafu u l-fatturi ta' konverżjoni tagħhom biex jiġi kalkolat b'mod aktar eżatt il-valur ta' enerġija ta' l-oġġetti ta' l-ikel.

Artikolu 6

1. Id-dikjarazzjoni tal-valur ta' enerġija u tal-proporzjon tan-nutrijenti jew tal-komponenti tagħhom għandha tkun numerika. L-unitajiet li għandhom jintużaw huma dawn li ġejjin:

— enerġija - kJ u kcal	
— proteini — karboidrati — xaħam — fibri — sodju	Grammi (g)
— kolesterol	Milligrammi (mg)
— vitamini u minerali	l-unittajiet speċifikati fl-Anness

2. It-tagħrif għandu jkun espress għal kull 100g jew għal kull ml. Barra minn hekk, dan it-tagħrif jista' jingħata għal kull sehem kif kwantifikat fuq it-tikketta jew għal kull porzjon, sakemm in-numru ta' porzjonijiet li jinsabu fil-pakkett ikun dikjarat.

3. Skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 10 jista' jiġi deċiż li t-tagħrif fil-paragrafu 1 u 2 jista' jingħata wkoll f'forma grafika skond formati li għandhom jiġu stabbiliti.

4. L-ammonti msemmija għandhom ikunu dawk ta' l-ikel kif mibjugħ. Fejn japplika, dan it-tagħrif jista' jirrelata ma' l-oġġett ta' l-ikel wara t-thejjija, sakemm jingħataw struzzjonijiet tat-thejjija suffiċjentement dettaljati u li t-tagħrif ikun jirrelata ma' l-ikel kif imħejji għall-konsum.

5. (a) It-tagħrif dwar vitamini u minerali għandu wkoll inkun espress bħala persentaġġ ta' l-ammont rakkomandat ta' kull jum (RDA) mogħti fl-Anness għall-ammonti kif speċifikati fil-paragrafu 2.

(b) Il-perċentwali ta' l-ammont rakkomandat ta' kull jum (RDA) għall-vitamini u minerali jista' wkoll jingħata f'forma grafika. Regoli għall-implimentazzjoni ta' dan is-subparagrafu jistgħu jiġu adottati skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 10.

6. Meta zokkor u/jew *polyols* u/jew lamtu jiġu dikjarati, dik id-dikjarazzjoni għandha minnufih issegwi d-dikjarazzjoni tal-kontenut ta' karboidrat bil-mod li ġej:

— karboidrati	g
li minnhom:	
— zokkor	g
— polyols	g
— lamtu	g

7. Meta l-ammont u/jew tip ta' aċidu xaħmija u/jew rata ta' kolesterol ikun ddikjarat, din id-dikjarazzjoni għandha minnufih issegwi d-dikjarazzjoni tax-xaħmijiet totali bil-mod li ġej:

— xaħam:	g
li minnu:	
— saturati	g
— mono-unsaturates	g
— polyunsaturates	g
— kolesterol	mg

8. Il-valuri dikjarati għandhom, skond il-każ individwali, ikunu l-valuri medji bażati fuq:

(a) l-analiżi ta' l-ikel mill-manifattur;

(b) kalkolu mill-valuri magħrufa jew medja attwali ta' l-ingredjenti wżati;

(ċ) kalkolu minn *data* ġeneralment stabbilita u aċċettata.

Ir-regoli għall-implimentazzjoni ta' l-ewwel subparagrafu fir-rigward b'mod partikolari tad-differenzi bejn il-valuri dikjarati u dawk stabbiliti fil-kors tal-verifiki uffiċċali għandhom jiġu deċiżi skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 10.

Artikolu 7

1. It-tagħrif kopert b'din id-Direttiva għandu jkun preżentat flimkien f'post wieħed f'forma ta' tabella, bin-numri allinejati jekk l-ispazju jippermetti. Fejn l-ispazju ma jippermettix, it-tagħrif għandu jkun preżentat f'forma linejari.

Għandu jkun stampat f'karattri leġibbli u li ma jitħassrux f'post fejn jidher.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li t-tagħrif kopert b'din id-Direttiva jidher f'lingwa li tinftiehem faċilment mix-xerrejja, sakemm ma jkunux ittieħdu miżuri oħra biex ikun żgurat li x-xerrej ikun mgħarraf. Din id-dispożizzjoni m'għandhiex ma tħallix li t-tagħrif ikun indikat f'aktar minn lingwa waħda.

3. L-Istati Membri għandhom iżommu milli jistipulaw ħtiġiet aktar dettaljati minn dawk li diġà jinsabu f'din id-Direttiva dwar l-ittikkettar tan-nutrizzjoni.

Artikolu 8

Fil-każ ta' prodotti ta' l-ikel li ma jkunux ippakkeġġati minn qabel imqiegħda għall-bejgħ lill-konsumatur ta' l-aħħar jew lill-*caterers* bil-kwantità u l-oġġetti ta' l-ikel ippakkjati fil-punt tal-bejgħ fuq it-talba tax-xerrej jew ippakkeġġjati minn qabel bil-ħsieb li jinbiegħu minnufih, il-medda tat-tagħrif li għaliha jirreferi l-Artikolu 4 u l-mod tal-komunikazzjoni tiegħu jista' jiġi stabbilit b'dispożizzjonijiet nazzjonali sa l-adozzjoni eventwali ta' miżuri tal-Komunità skond il-proċedura stabbilita fl-Artikolu 10.

Artikolu 9

Kull miżura li x'aktarx ikollha effett fuq is-saħħa pubblika għandha tiġi adottata wara konsultazzjoni mal-Kumitat Xjentifiku għall-Ikel, imwaqqaf bid-Deċiżjoni 74/234/KEE [1].

Artikolu 10

1. Fejn il-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu għandha tiġi segwita, il-każ għandu jiġi riferit lill-Kumitat Permanenti għall-Oġġetti ta' l-Ikel, imwaqqaf bid-Deċiżjoni 69/414/KEE [2] (hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Kumitat") mill-President tiegħu, jew fuq inizjattiva tiegħu jew fuq talba tar-rappreżentant ta' xi Stat Membru.

2. Ir-rappreżentant tal-Kummissjoni għandu jibgħat lill-Kumitat abbozz tal-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-Kumitat għandu jagħti l-opinjoni tiegħu dwar l-abbozz f'terminu ta' żmien li jista' jiffissa l-President skond l-urġenza tal-każ. L-opinjoni għandha tingħata bil-maġġoranza stabbilita fl-Artikolu 148(2) tat-Trattat fil-każ ta' deċiżjonijiet li l-Kunsill huwa meħtieġ li jadotta fuq proposta mill-Kummissjoni. Il-voti tar-rappreżentanti ta' l-Istati Membri fi ħdan il-Kumitat għandhom ikunu peżati bil-mod stabbilit f'dak l-Artikolu. Il-President m'għandux jivvota.

3. (a) Il-Kummissjoni għandha tadotta l-miżuri maħsuba jekk dawn ikunu skond l-opinjoni tal-Kumitat.

(b) Fejn il-miżuri maħsuba ma jkunux skond l-Opinjoni tal-Kumitat, jew jekk ebda opinjoni ma tingħata, il-Kummissjoni għandha, mingħajr dewmien, tibgħat lill-Kunsill proposta dwar il-miżuri li għandhom jittieħdu. Il-Kunsill għandu jaġixxi b'maġġoranza kwalifikata.

(ċ) Jekk, wara li jgħaddu tliet xhur minn meta jkunu ntbagħtulu, il-Kunsill ma jkunx aġixxa, il-miżuri proposti għandhom jiġu adottati mill-Kummissjoni.

Artikolu 11

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva u għandhom minnufih javżaw lill-Kummissjoni b'dan. Dawk il-miżuri għandhom jiġu applikati b'mod illi:

— jippermettu l-kummerċ ta' prodotti li jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa l-1 ta' April 1992,

— jipprojbixxu l-kummerċ ta' prodotti li ma jikkonformawx ma' din id-Direttiva b'effett mill-1 ta' Ottubru 1993.

2. Sa,... (ħames snin wara n-notifika ta' din id-Direttiva), id-dikjarazzjoni dwar l-ittikkettar tan-nutrizzjoni, jew fuq bażi volontarja jew fuq allegazzjoni tan-nutrizzjoni ta' wieħed jew aktar min-nutrijenti li ġejjin; zokkor, saturati, fibra, sodju, m'għandhiex tiskatta l-obbligazzjoni stabbilita fl-Artikolu 4(1) u (2) li jkunu ddikjarati dawn in-nutrijenti kollha.

[1] ĠU L 136, ta' l-20.5.1974, p. 1

[2] ĠU L 291, 19.11.1969, p. 9

3. Il-Kummissjoni għandha, sa... (tmien snin wara n-notifika ta' din id-Direttiva), tibgħat lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rapport dwar l-applikazzjoni ta' din id-Direttiva. Fl-istess waqt, għandha tibgħat lill-Kunsill proposti approprjati għall-emendi.

Artikolu 12

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri kollha.

Magħmula fi Brussel, fl-24 ta' Settembru 1990.

Għall-Kunsill

Il-President

V. SACCOMANDI

ANNESS

Vitamini u minerali li jistgħu jiġu dikjarati u l-ammont rakkomandat ta' kull jum (RDAs)

Vitamina A µg	800	Fosfru mg	800
Vitamina B12 µg	1	*Riboflavin mg*	1,6
Vitamina D µg	5	Ħadid mg	14
Biotin mg	0,15	*Niacin mg*	18
Vitamina E mg	10	*Magnesium mg*	300
Pantothenic acid mg	6	Vitamina B6 mg	2
Vitamina C mg	60	*Zinc mg*	15
Calcium mg	800	*Folacin µg*	200
Thiamin mg	1,4	Jodju µg	150

Bħala regola, 15 % ta' l-ammont rakkomandat speċifikat fl-Anness provdut minn 100 g jew 100 ml jew kull pakkett jekk il-pakkett ikun fih biss porzjon wieħed għandu jkun kunsidrat biex jiġi deċiż x'jikkostitwixxi ammont sinnifikanti.